MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 674/2013

**Mary Xerri magħrufa bħala Scerri**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fit-12 ta' Lulju 2013 minn Mary Xerri magħrufa bħala Scerri, li permezz tiegħu ġie premess:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru ħamsa sitta tmienja tmienja tas-sena elf disa' mija erbgħa u disgħin (5688/1949) anness u mmarkat bħala Dok A1, u fl-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid Dok A2, il-kunjom ta' missier u ta' omm l-esponenti, kif ukoll dak tan-nannu patern huwa ndikat bħala "Xerri".

Illi effettivament il-kunjom tal-familja tal-esponenti, inkluż dak ta' missierha Victor, huwa Scerri u mhux Xerri kif erronjament indikat fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-esponenti.

Illi fil-fatt fiċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' missier l-esponenti, Vittorio (ossija Victor) maħruġ mill-intimat u li jġib in-numru 4428/1919, in-nannu patern tal-esponenti Luigi huwa ndikat bħala Scerri u mhux Xerri (Dok B). Dan huwa rifless ukoll fiċ-Ċertifikat tal-Mewt ta' missier l-esponenti numru 581/1993, fejn missier l-esponenti huwa ndikat bħala Victor Scerri (Dok C).

Illi fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu numru 10447/1947, ħu l-esponenti, George, ukoll huwa ndikat bil-kunjom Scerri u mhux Xerri (Dok D).

Illi n-neputi tal-esponenti Alexander kellu jagħmel l-istess proċess biex jinbidel kunjomu minn Xerri għal Scerri *stante* li anke fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu kien sar żball u dan kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu (Dok E1). Fil-fatt issa l-estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid tiegħu jindika l-kunjom Scerri (Dok E2).

Illi fid-dokumenti uffiċjali kollha, għajr għall-passaport, iżda nkluż fil-karta tal-identita', l-esponenti hija ndikata bil-kunjom Scerri u mhux Xerri (Dok F-L).

Illi minn meta twieldet ir-rikorrenti dejjem kien magħruf bil-kunjom Scerri u mhux Xerri.

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti għandha nteress skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16, li ssir id-debita korrezzjoni.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent hija konsistentement magħrufa huwa *“Scerri”* u mhux *“Xerri”;*

2. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat bħala Dok A1 maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bin-numru ħamsa sitta tmienja tmienja tas-sena elf disa’ mija disgħa u erbgħin (5688/1949), fis-sens li kull fejn hemm indikat il-kunjom *“Xerri”*, jiġi kkanċellat u sostitwit bil-kunjom *“Scerri”*;

3. Tagħti kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ppreżentata fl-14 t’Awissu 2013 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kienet omm ir-rikorrenta stess, Carmela Xerri, li kienet għamlet id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid (Dok DRP 1) u kienet anke ffirmat li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Semgħet lill-attriċi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 2013 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni tal-ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi minn kif indikat mill-verbal imsemmi, u anke kif korroborat mid-dokumenti esebiti l-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata. Jidher evidenti li l-attriċi dejjem kitbet il-kunjom *"Xerri"* u mhux *"Scerri"*. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Deċiżjoni**
**Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------